# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 24/00mm**

**Mekanika Ltd**

**vs**

**Leonard Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Jannar 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta' mitejn hamsa u disghin lira (Lm295) rappresentanti l-bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' air conditioner.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja tal-11 ta' Ottubru,1999 bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-air conditioner ikkonsenjat kien difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita.

2. Illi dan kollu s-socjeta' attrici tafu u ghaldaqstant l-eccipjenti, li nterpella diversi drabi lis-socjeta' attrici sabiex tirrisolvi din il-vertenza, m'ghandhux isofri spejjez.

3. Illi l-eccipjenti ghandu dritt ghar-rifuzzjoni tad-depositu li huwa hallas ghal dan il-prodott difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita kif fuq premess, u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz ta' kontrotalba.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghal kontro talba tal-konvenut fejn eccepiet illi:

Illi preliminarjament l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1431 tal-kodici civili.

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost il-konvenut ma jistax jippretendi li jithallas akkont billi l-air conditioner ilu fil-pussess tieghu mill-14 ta' Lulju 1998.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-kuntratt maghmul fil-11 ta' Lulju 1998 is-socjeta' attrici ntrabtet illi tikkonsenja lill-konvenut apparat ta' air conditioning li kien jiswa l-ammont ta' hames mija u disghin lira (Lm590). Dan il-prezz kellu jithallas f'zewg pagamenti ta' mitejn u hamsa u disghin lira-il wiehed (Lm295) l-ewwel pagament thallas kif miftiehem izda t-tieni baqa' ma thallasx u ghalhekk saret din il-kawza.

Xi zmien wara d-data tal-kuntratt, l-apparat gie stallat fil-fond tal-konvenut u jidher illi mall-ewwel beda jimmanifesta certa ilmenti dwar l-operat ta' dan l-air conditioner. Is-socjeta' attrici baghtet diversi technicians sabiex jaraw dan l-apparat u anke mar Saviour Vella in rappresentanza ta' l-istess socjeta' attrici sabiex personalment jivverifika x-xogholijiet li kienu qieghdin isiru fuq dan l-apparat.

Il-konvenut ma kienx kuntent bit-tiswijiet li kienu qieghdin isiru u ilmenta li dan l-apparat kien affett minn difett latenti. Kiteb diversi ittri lis-socjeta' attrici, l-ewwel wahda fit-3 ta' Awissu 1998. Wara dik id-data saru diversi ittri, illi huma esibiti f'dawn l-atti, kollha mibghuta mill-konvenut fejn jilmenta minn difett jew iehor fl-operat ta' dan l-air conditioning unit. Il-konvenut spicca biex qal li qatgha qalbu li s-socjeta' attrici qatt kienet ser tasal biex issewwi l-air conditioner u talab il-bdil tieghu.

L-air conditioner ghadu d-dar tal-konvenut, fil-pussess tieghu u ma ha l-ebda proceduri gudizzjarji qabel ma bdiet il-kawza.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad li l-konvenut rabat l-eccezzjoni tieghu mal-fatt illi l-air conditioner kien ikkonsenjat difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita. Il-Qorti jidhrilha li din it-tip ta' eccezzjoni ma tistax tinghata f'dan l-istadju.

F'kawza deciza mill-Prim Awla fis-7 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet Joseph Cassar Aveta noe vs Hugh Caruana Noe Et il-Qorti qalet li l-allegazzjoni ta' difett latenti ma setghetx tinghata bhala eccezzjoni ghal kawza imposta mill-attur ghal hlas ta' merkanzija kkonsenjata. Min jallega li rcieva oggett soggett ghal dan it-tip ta' difett ghandu terminu stabbilit mill-ligi sabiex jagixxi ghad-drittijiet tieghu. Ghalhekk l-allegazzjoni ta' difett latenti trid tigi mposta biss permezz ta' kawza u qatt *in via di eccezione*. Apparti dan irrizulta mix-xhieda ta' l-istess konvenut illi l-air conditioner li xtara minghand is-socjeta' attrici ghandhom ghandu d-dar. Ma ha ebda proceduri gudizzjarji qabel ma bdiet din il-kawza. Il-konvenut ghalhekk issa ma jistax jopponi ghat-talba tal-hlas tas-socjeta' attrici l-bilanc dovut.

Bhal ma qalet il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-4 ta' Novembru 1992 fil-kawza Attard Brothers vs Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni xerrej li jzomm l-oggett meta kien jaf illi ma kienx jahdem sew, kellu jhallas il-prezz intier u ma kienx intitolat li awtomatikament

inaqqas il-prezz tat-tiswija. Il-Qorti kompliet tghid li l-konvenut messu jew irritorna l-apparat jew iddepositahhom il-Qorti. Darba accetta li jzomm l-oggett allura kellu jhallas ghal prezz intier. Dana huwa ezattament dak illi ghamel jew naqas illi jaghmel il-konvenut. L-air conditioner baqa ghandu d-dar, ma ha ebda proceduri biex jikkawtela d-drittijiet tieghu u ghalhekk issa ma jistax jopponi t-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tal-bilanc. Veru illi huwa qieghed jilmenta illi dan l-air conditioner qatt ma hadem sew u jista jkun illi ghandu ragun, pero' dana ma jbiddilx il-konsiderazzjonijiet legali ta' din il-Qorti. Jibqa' l-fatt illi l-attur ma kkawtelax id-drittijiet tieghu fi zmien utili kif estizi bl-emendi ricenti meta kien jaf li l-apparat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb. Issa li ghadda z-zmien, ma jistax aktar jopponi ghat-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontro talba tal-konvenut, is-socjeta' attrici qieghdha tecepixxa favur taghha l-preskrizzjoni skond l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi terminu ta' sena sabiex ix-xerrej jagixxi kontra min ikun biegh ghal difetti mohbija fl-oggett li jkun xtara. Il-Qorti tosserva illi kif qal l-istess konvenut, huwa ma ha ebda proceduri gudizzjarji qabel ma bdiet din il-kawza, u coie' qabel ma huwa pprezenta l-kontro talba ghal kawza imposta mis-socjeta' attrici. Din il-kontro talba giet ipprezentata fid-9 ta' Frar 2000, ferm wara s-sena li l-konvenut l-ewwel skopra illi dan l-air conditioner kellu xi difetti, infatti l-ewwel ilment li ghamel il-konvenut kien fit-3 ta' Awissu 1998 u wara dan hemm korrispondenza shiha minn nahha tal-konvenut ghaddejja tul ta' zmien sabiex jilmenta dwar in-nuqqas ta' funzjonabilita' ta' dan l-air conditioner illi xtara minghand is-

socjeta' attrici. Ghalhekk almenu zgur li mit-3 ta' Awissu 1998 il-konvenut kien f'posizzjoni illi jagixxi u jikkawtela d-drittijiet tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici, izda fi kliemu stess dan ma ghamel xejn u kellu jistenna din il-kawza sabiex huwa jaghmel xi haga u jistitwixxi din il-kontro talba fl-eccezzjonijiet imressqa minnu.

F'kawza riportata Vol XXVII pt III pg 534 fl-ismijiet Darmanin Noe vs Spiteri Debono  il-Qorti qalet *´il termine di un mese contemplato nel articolo 1481  e' un termine di decadenza e non di prescrizione, e non avendo il convenuto agito  entro quell termine, egli non puo nell odierno guidizzio esporre il vizzio redebitorio per via di eccezzione".*

L-istess Vol XV111 pt III pg 59 *"trascorsi inutilmente i termini stabbiliti nel articolo 1481 (illum 1431) non possono opporsi anche per via di eccezzione al venditore che reclama il pagamento del prezzo".*

Il-konvenut ma jistax isib konfort ghal fatt li huwa kiteb lis-socjeta' attrici divesi drabi dwar l-ilmenti tieghu u li s-socjeta' baghtet lit-technicians taghha sabiex isewwu. Dana se mai, huwa fattur li jmur kontra l-interessi tal-konvenut, peress illi l-perjodu msemmi fl-artikolu 1431 jibda jghaddi mill-gurnata li gie skopert id-difett (ara Joseph Zerafa et vs Saviour Delia Appell 4 ta' Gunju 1997). Il-Qorti jidhrilha li l-konvenut kellu altru zmien bizzejjed sabiex jikkonsidra jiehu azzjoni u jikkawtela d-drittijiet tieghu. La dana ma ghamilhomx fit-terminu moghti lilu mill-ligi

ma jistax jopponi aktar it-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tal-bilanc tal-air conditioner fornit lilu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u l-kontro talba tieghu, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha l-bilanc ta' mitejn hamsa u disghin lira (Lm295) rappresentanti l-bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' air conditioner. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg